II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1650

tal-24 ta' Marzu 2022

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 fir-rigward tal-indiċijiet ewlenin u tal-boroż rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 197(8) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1646 ([2]) ġie adottat fuq il-premessa li l-indiċijiet tal-ekwità, li għandhom jitqiesu bħala indiċijiet ewlenin għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (u b'hekk jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-ekwitajiet li jikkomponu dawn l-indiċijiet bħala kollateral eliġibbli) jenħtieġ li jikkonsistu prinċipalment f'ekwitajiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jkunu realizzabbli meta istituzzjoni jkollha bżonn tillikwidahom. Ġie preżunt li dak ikun il-każ meta mill-inqas 90 % tal-komponenti ta' indiċi jkollhom volum varjabbli ta' mill-inqas EUR 500 000 000 jew, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-volum varjabbli, kapitalizzazzjoni tas-suq ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000. Din is-suppożizzjoni għadha ma nbidlitx.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 jispeċifika wkoll li l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jkollhom ukoll il-possibbiltà li jirrikonoxxu bħala kollaterali eliġibbli strumenti inklużi fl-indiċijiet ewlenin li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija hawn fuq, iżda li l-komponenti tagħhom huma nnegozjati biżżejjed, u jqis kriterji ġodda għall-identifikazzjoni ta' dawk l-indiċijiet. Madankollu, l-esperjenza wriet li dawk il-kriterji, definiti fir-rigward tas-suq li fih huwa bbażat indiċi, huma diffiċli biex jiġu applikati kontra indiċi ewlieni stabbilit f'pajjiż terz, peress li jeħtieġu l-ġbir ta' *data* għall-ishma kollha ammessi għan-negozjar f'dak is-suq. Dik id-diffikultà xekklet il-kisba xierqa tal-objettiv tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jiġi żgurat limitu minimu ta' likwidità tal-komponenti tal-indiċi. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ġodda li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Dawk il-kriterji l-ġodda jenħtieġ li jiżguraw l-adegwatezza tal-istrumenti bħala kollateral eliġibbli u b'hekk jiżguraw livell limitu ta' likwidità suffiċjenti indipendentement mis-suq li fuqu huwa bbażat indiċi, fejn jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet relatati mal-indikaturi standard tal-likwidità tas-suq. L-ewwel kundizzjoni jenħtieġ li tirrikjedi li mill-inqas 80 % tal-komponenti ta' indiċi jkollhom volum varjabbli ta' mill-inqas EUR 25 000 000 jew, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-volum varjabbli, kapitalizzazzjoni tas-suq ta' mill-inqas EUR 50 000 000. It-tieni kundizzjoni jenħtieġ li

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1646 tat-13 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar indiċijiet ewlenin u boroż rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment (ĠU L 245, 14.9.2016, p. 5).

tirrikjedi li l-komponenti kollha tal-indiċi li jkollhom kapitalizzazzjoni tas-suq iżgħar minn jew ugwali għal EUR 10 000 000 000 ikollhom fatturat medju minimu ta' kuljum ta' EUR 500 000 u l-komponenti kollha tal-indiċi li jkollhom kapitalizzazzjoni tas-suq akbar minn EUR 10 000 000 000 ikollhom fatturat medju minimu ta' kuljum ta' EUR 1 000 000. Il-fatturat medju ta' kuljum jenħtieġ li jiġi kkalkulat fuq it-tnax-il xahar tas-sena kalendarja ta' qabel il-valutazzjoni, jew fejn applikabbli, il-perjodu tat-tnax-il xahar tas-sena kalendarja preċedenti li matulhom l-istrument finanzjarju kien disponibbli għan-negozjar.

(3) Id-definizzjoni ta' "borża rikonoxxuta", stabbilita fil-punt (72) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ġiet emendata reċentement bir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik l-emenda kienet tikkonsisti fiż-żieda, fil-punt (a) ta' dak il-punt (72), tal-kliem "jew suq ta' pajjiż terz li jitqies ekwivalenti għal suq regolat skont il-proċedura stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill". Minħabba dik l-emenda, "boroż rikonoxxuti" m'għadhomx ristretti għal "swieq regolati" biss. Jenħtieġ li dik l-emenda tiġi riflessa fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 billi f'dak ir-Regolament jiġu inklużi dawk il-boroż li għalihom il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont il-punt (a) tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(4) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati ma baqgħux japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Frar 2020 u r-Renju Unit issa huwa pajjiż terz. Fil-preżent, il-Kummissjoni ma adottatx deċiżjoni ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 25(4), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-Renju Unit. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu eskluži mil-lista ta' boroż rikonoxxuti dawk il-boroż stabbiliti fir-Renju Unit.

(5) Saru ċerti bidliet fl-istruttura tas-suq mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646, b'mod partikolari fir-rigward tad-dehra ta' boroż ġodda, fużjonijiet, bidliet fl-isem jew waqfien tal-attivitajiet. Dawk il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 jiġi emendat skont dan.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

(8) L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqha, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(2) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-INDIĊIJIET EWLENIN IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 197 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 575/2013

Tabella 1

Indiċijiet ta' ekwità

Indiċi	Pajjiż/Żona
Austrian Traded Index	L-Awstrija
BEL 20	Il-Belġju
CETOP20	L-Ewropa Ċentrali
CNX 100	L-Indja
CSI 300 Index	Iċ-Ċina
EGX 30	L-Eġittu
FTSE 350	Ir-Renju Unit
FTSE All World Europe	L-Ewropa
FTSE All-World Index	Globali
FTSE MIB	L-Italja
FTSE Nasdaq Dubai UAE 20 Index	L-EGĦM
FTSE RAFI Emerging Index	Swieq Emerġenti
FTSE Straits Times Index	Singapor
FTSE/JSE Capped Top 40	L-Afrika t'Isfel
FTSE/JSE Industrial 25	L-Afrika t'Isfel
Hang Seng Mainland 100 Index	Ħong Kong
HDAX	Il-Ġermanja
IBEX 35	Spanja
IBOVESPA	Il-Brażil
ISEQ 20	L-Irlanda
KOSPI 100	Il-Korea t'Isfel
MSCI ACWI Index	Globali
MSCI EM 50	Swieq Emerġenti
NASDAQ-100	L-Istati Uniti tal-Amerika
Nikkei 300	Il-Ġappun
NYSE ARCA China Index	Iċ-Ċina
OBX	In-Norveġja
OMX Copenhagen 25	Id-Danimarka
OMX Helsinki 25	Il-Finlandja
OMXS60	L-Iżvezja
Qatar Exchange General Index	Il-Qatar
S&P 500	L-Istati Uniti tal-Amerika
S&P BSE 100	L-Indja

S&P Latin America 40	L-Amerka Latina
S&P/ASX 100	L-Awstralja
S&P/BMV IPC	Il-Messiku
S&P/NZX 10	New Zealand
S&P/TSX 60	Il-Kanada
SBF 120	Franza
SET 50	It-Tajlandja
SMI Expanded	L-Iżvizzera
STOXX Asia/Pacific 600	L-Asja/Il-Paċifiku
STOXX Europe 600	L-Ewropa
TOPIX Mid 400	Il-Ġappun
TSEC Taiwan 50	It-Tajwan
WIG20	Il-Polonja

ANNESS II

IL-BOROŻ RIKONOXXUTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 197 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 575/2013

Tabella 1

Il-boroż rikonoxxuti li ma jiġux innegozjati fihom il-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Is-suq regolat	MIC
AIAF — MERCADO DE RENTA FIJA	XDRF, SEND
ATHENS EXCHANGE SECURITIES MARKET	XATH
BADEN-WUERTTEMBERGISCHE WERTPAPIERBOERSE	STUC, STUA
BOERSE BERLIN	BERC, BERA, EQTB, EQTA
BOERSE DUESSELDORF	DUSC, DUSA
BOERSE MUENCHEN	MUNC, MUNA
BOLSA DE BARCELONA	XBAR, SBAR
BOLSA DE BILBAO	XBIL, SBIL
BOLSA DE MADRID	XMAD, MERF
BOLSA DE VALENCIA	XVAL
BONDSPOT SECURITIES MARKET	RPWC
BOURSE DE LUXEMBOURG	XLUX
BRATISLAVA STOCK EXCHANGE	XBRA
BUCHAREST STOCK EXCHANGE	XBSE
BUDAPEST STOCK EXCHANGE	XBUD
BULGARIAN STOCK EXCHANGE — SOFIA JSC	XBUL
CBOE EUROPE	CCXE
CME AMSTERDAM	BTAM
CYPRUS STOCK EXCHANGE	XCYS
ELECTRONIC BOND MARKET	MOTX
ELECTRONIC ETF AND ETC/ETN MARKET – ETFplus	ETFP
ELECTRONIC SECONDARY SECURITIES MARKET	HDAT
ELECTRONIC SHARE MARKET	MTAA
EURONEXT AMSTERDAM	XAMS
EURONEXT BRUSSELS	XBRU
EURONEXT DUBLIN	XMSM
EURONEXT EXPAND	XOAS
EURONEXT LISBON	XLIS
EURONEXT OSLO	XOSL
EURONEXT PARIS	XPAR
FRANKFURTER WERTPAPIERBOERSE (REGULIERTER MARKT)	FRAA, XETA

HANSEATISCHE WERTPAPIERBOERSE HAMBURG (REGULIERTER MARKT)	HAMA, HAMM
LJUBLJANA STOCK EXCHANGE OFFICIAL MARKET	XLJU
MALTA STOCK EXCHANGE	XMAL, IFSM
MARKET FOR INVESTMENT VEHICLES (MIV)	MIVX
MTS GOVERNMENT MARKET	MTSC
NASDAQ COPENHAGEN	XCSE
NASDAQ HELSINKI	XHEL
NASDAQ ICELAND	XICE
NASDAQ RIGA	XRIS
NASDAQ STOCKHOLM	XSTO
NASDAQ TALLINN	XTAL
NASDAQ VILNIUS	XLIT
NIEDERSAECHSISCHE BOERSE ZU HANNOVER (REGULIERTER MARKT)	HANA
NORDIC GROWTH MARKET NGM	XNGM
NXCHANGE	XNXC
PRAGUE STOCK EXCHANGE	XPRA
RM-SYSTEM CZECH STOCK EXCHANGE	XRMZ
TRADEGATE EXCHANGE (REGULIERTER MARKT)	XGRM
VIENNA STOCKEXCHANGE OFFICIAL MARKET (AMTLICHER HANDEL)	WBAH
WARSAW STOCK EXCHANGE	XWAR, WBON, WETP
ZAGREB STOCK EXCHANGE	XZAG
ASX LIMITED	XASX
CHI-X AUSTRALIA PTY LTD	CHIA
THE STOCK EXCHANGE OF HONG KONG LIMITED (SEHK)	SHKG
BOX OPTIONS EXCHANGE LLC	XBOX
CBOE BYX EXCHANGE, INC. (FORMERLY BATS BYX EXCHANGE, INC.; BATS Y-EXCHANGE, INC.)	BATY
CBOE BZX EXCHANGE, INC. (FORMERLY BATS BZX EXCHANGE, INC.; BATS EXCHANGE, INC.)	BATS
CBOE C2 EXCHANGE, INC.	C2OX
CBOE EDGA EXCHANGE, INC. (FORMERLY BATS EDGA EXCHANGE, INC.; EDGA EXCHANGE, INC.)	EDGA
CBOE EDGX EXCHANGE, INC. (FORMERLY BATS EDGX EXCHANGE, INC.; EDGX EXCHANGE, INC.)	EDGX
CBOE EXCHANGE, INC.	CBSX
CHICAGO STOCK EXCHANGE, INC.	XCHI
THE INVESTORS EXCHANGE LLC	IEXG
MIAMI INTERNATIONAL SECURITIES EXCHANGE	XMIO

MIAX PEARL, LLC	MPRL
NASDAQ BX, INC. (FORMERLY NASDAQ OMX BX, INC.; BOSTON STOCK EXCHANGE)	BOSD
NASDAQ GEMX, LLC (FORMERLY ISE GEMINI)	GMNI
NASDAQ ISE, LLC (FORMERLY INTERNATIONAL SECURITIES EXCHANGE, LLC)	XISX
NASDAQ MRX, LLC (FORMERLY ISE MERCURY)	MCRY
NASDAQ PHLX LLC (FORMERLY NASDAQ OMX PHLX, LLC; PHILADELPHIA STOCK EXCHANGE)	XPHL
THE NASDAQ STOCK MARKET	XNAS
NEW YORK STOCK EXCHANGE LLC	XNYS
NYSE ARCA, INC.	ARCX
AQUA SECURITIES L.P.	AQUA
ATS-1	MSTX
ATS-4	MSPL
ATS-6	MSRP
BARCLAYS ATS	BARX
BARCLAYS DIRECTEX	BCDX
BIDS TRADING, L.P.	BIDS
CIOI	CIOI
CITIBLOC	CBLC
CITICROSS	CICX
CODA MARKETS, INC	CODA
CREDIT SUISSE SECURITIES (USA) LLC	CAES
DEUTSCHE BANK SECURITIES, INC	DBSX
EBX LLC	LEVL
INSTINCT X	BAML
INSTINET CONTINUOUS BLOCK CROSSING SYSTEM (CBX)	ICBX
INSTINET, LLC (INSTINET CROSSING, INSTINET BLX)	XINS
INSTINET, LLC (BLOCKCROSS)	BLKX
JPB-X	JPBX
J.P. MORGAN ATS ('JPM-X')	JPMX
JSVC LLC	(*)
LIQUIDNET H_2O ATS	LIUH
LIQUIDNET NEGOTIATION ATS	LIUS
LUMINEX TRADING & ANALYTICS LLC	LMNX
NATIONAL FINANCIAL SERVICES, LLC	NFSC
POSIT	ITGI
SIGMA X2	SGMT

SPOT QUOTE LLC	(*)
SPREAD ŻERO LLC	(*)
UBS ATS	UBSS
USTOCKTRADE	(*)
VIRTU MATCHIT	VFMI
XE	PJCX

* *Il-kodiċijiet MIC mhumiex disponibbli fuq l-ISO 10383 - Kodiċijiet għall-iskambji u l-lista ta' identifikazzjoni tas-suq

Tabella 2

Il-borż rikonoxxuti li ma jiġux innegozjati fihom il-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Is-suq regolat	MIC
ATHENS EXCHANGE DERIVATIVES MARKET	XADE
BUDAPEST STOCK EXCHANGE	XBUD
CBOE DERIVATIVES	CDEX
EUREX DEUTSCHLAND	XEUR
EURONEXT BRUSSELS DERIVATIVES	XBRD
EURONEXT COM\, COMMODITIES FUTURES AND OPTIONS	XEUC
EURONEXT EQF\, EQUITIES AND INDICES DERIVATIVES	XEUE
EUROPEAN ENERGY EXCHANGE	XEEE, XEER
FISH POOL	FISH
HENEX FINANCIAL ENERGY MARKET - DERIVATIVES MARKET	HEDE
HUDEX ENERGY EXCHANGE	HUDX
ICE ENDEX MARKETS	NDEX
ITALIAN DERIVATIVES MARKET	XDMI
MATIF	XMAT
MEFF EXCHANGE	XMRV, XMPW, XMFX
MERCADO DE FUTUROS E OPCOES	MFOX
MONEP	XMON
NASDAQ OSLO	NORX
NASDAQ STOCKHOLM	XSTO
NOREXECO	NEXO
OMIP – POLO PORTUGUES	OMIP
OSLO BØRS	XOSL
WARSAW STOCK EXCHANGE/COMMODITIES/POLISH POWER EXCHANGE/ COMMODITY DERIVATIVES	PLPD
WARSAW STOCK EXCHANGE/FINANCIAL DERIVATIVES	WDER